Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 163/20**
il-Lussemburgu, 17 ta' Diċembru 2020

Sentenza fil-Kawża C-336/19
Centraal Israëlitisch Consistorie van België *et*

# Bil-għan li jiġi promoss il-benesseri tal-annimali fil-kuntest tal-qatla ritwali, l-Istati Membri jistgħu, mingħajr ma jinjoraw id-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta, jimponu proċess ta' sturdament reversibbli li ma jkunx jista' jirriżulta fil-mewt tal-annimal

Digriet tar-Reġjun ta' Vlaanderen (il-Belġju) tas-7 ta' Lulju 2017, li jemenda l-liġi dwar il-protezzjoni u l-benesseri tal-annimali, fir-rigward tal-metodi awtorizzati għall-qatla tal-annimali, għandu l-effett li jipprojbixxi l-qtil ta' annimali mingħajr sturdament minn qabel, inkluż qtil previst minn rit reliġjuż. Fil-kuntest tal-qatla ritwali, hija tipprevedi l-użu ta' sturdament reversibbli li ma jkunx jista' jwassal għall-mewt tal-annimal.

Dan it-test ġie kkontestat b'mod partikolari minn diversi assoċjazzjonijiet Lhud u Musulmani, li talbu l-annullament totali jew parzjali tiegħu. Skont dawn, billi ma jħallux lill-kredenti Lhud u Musulmani jiksbu laħam minn annimali maqtula skont il-preċetti reliġjużi tagħhom, li jopponu t-teknika ta' sturdament reversibbli, id-digriet jikser ir-Regolament Nru 1099/2009 [1] u għalhekk jippreklud lill-kredenti milli jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom.

Huwa f'dan il-kuntest li l-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju) iddeċiediet li tirreferi l-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari sabiex issir taf, prinċipalment, jekk id-dritt tal-Unjoni Ewropea jippreklud leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi, bħala parti mill-qatla ritwali, proċess ta' sturdament reversibbli li ma jkunx jista' jwassal għall-mewt tal-annimal.

Din il-mistoqsija twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja, għat-tielet darba [2], toħloq bilanċ bejn il-libertà tar-reliġjon, iggarantita mill-Artikolu 10 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), u l-benesseri tal-annimal, kif stabbilit fl-Artikolu 13 tat-TFUE, u kkonkretizzat fir-Regolament Nru 1099/2009.

Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja, komposta bħala Awla Manja, tirrileva, qabelxejn, li **l-prinċipju ta' sturdament tal-annimal qabel il-qtil tiegħu, stabbilit bir-Regolament Nru 1099/2009, jissodisfa l-għan ewlieni tal-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali mfittex minn dan ir-regolament**. F'dan ir-rigward, jekk ir-regolament jippermetti l-prattika tal-qatla ritwali, li fil-kuntest tagħha l-annimal jista' jinqatel mingħajr sturdament minn qabel, din il-forma ta' qatla hija madankollu awtorizzata biss b'deroga fl-Unjoni u biss sabiex jiġi żgurat ir-rispett għal-libertà tar-reliġjon. **Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli nazzjonali intiżi li jiżguraw lill-annimali, fil-ħin tal-qtil tagħhom, protezzjoni akbar minn dik prevista fir-Regolament Nru 1099/2009 fil-qasam tal-qatla ritwali** [3]. Għalhekk, ir-Regolament Nru 1099/2009 jirrifletti l-fatt li l-Unjoni u l-Istati Membri jqisu bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-benesseri tal-annimali, filwaqt li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet u l-prattiki tal-Istati Membri fil-qasam, b'mod partikolari, tar-riti reliġjużi. Madankollu, ir-Regolament

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU 2009, L 303, p. 1).
[2] Wara s-sentenzi tad-29 ta' Mejju 2018, Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen *et*, C-426/16 (ara CP 69/18), kif ukoll tas-26 ta' Frar 2019, Œuvre d'assistance aux bêtes d'abattoirs, C-497/17 (ara CP 15/2019).
[3] Artikolu 26(2)(c), tar-Regolament Nru 1099/2009.

Nru 1099/2009 ma jiksibx huwa stess ir-rikonċiljazzjoni meħtieġa bejn il-benesseri tal-annimali u l-libertà li wieħed jimmanifesta r-reliġjon tiegħu, iżda sempliċement jipprovdi kuntest għar-rikonċiljazzjoni li għandha titwettaq mill-Istati Membri bejn dawn iż-żewġ valuri.

**Minn dan isegwi li r-Regolament Nru 1099/2009 ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jimponu obbligu ta' sturdament qabel il-qtil tal-annimali li japplika wkoll fil-kuntest tal-qatla mitluba minn riti reliġjużi, sakemm madankollu meta jagħmlu dan l-Istati Membri jirrispettaw id-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta.**

Fir-rigward preċiżament tal-kwistjoni ta' jekk id-digriet jirrispettax dawn id-drittijiet fundamentali, il-Qorti tal-Ġustizzja ttenni li l-qatla ritwali hija parti mil-libertà li wieħed juri r-reliġjon tiegħu, iggarantita fl-Artikolu 10(1) tal-Karta. Billi jimponi, bħala parti minn qatla ritwali, sturdament reversibbli, kuntrarju għall-preċetti reliġjużi ta' twemmin Lhudi u Musulman, id-digriet b'hekk jillimita l-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta' dawn il-kredenti li jimmanifestaw ir-reliġjon tagħhom.

Sabiex tevalwa jekk tali limitazzjoni hijiex permessa, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett issib li l-indħil fil-libertà li wieħed jimmanifesta r-reliġjon tiegħu li jirriżulta mid-digriet huwa tabilħaqq previst mil-liġi u, barra minn hekk, jirrispetta l-kontenut essenzjali tal-Artikolu 10 tal-Karta peress li huwa limitat għal aspett wieħed tal-att ritwali speċifiku li jikkostitwixxi l-imsemmija qatla, peress li dan tal-aħħar mhux ipprojbit bħala tali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad tirrileva li dan l-indħil jissodisfa għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni, jiġifieri l-promozzjoni tal-benesseri tal-annimal.

**Fil-kuntest tal-eżami tal-proporzjonalità tal-limitazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-miżuri li jinsabu fid-digriet jiżguraw bilanċ ġust bejn l-importanza mogħtija lill-benesseri tal-annimali u l-libertà tal-kredenti Lhud u Musulmani li jimmanifestaw ir-reliġjon tagħhom.** F'dan ir-rigward, hija tikkonstata, l-ewwel nett, li r-rekwiżit ta' sturdament reversibbli huwa adattat biex jintlaħaq l-għan li jiġi promoss il-benesseri tal-annimali. Fit-tieni lok, fir-rigward tan-natura meħtieġa tal-indħil, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jagħti lil kull Stat Membru marġni wiesa' ta' evalwazzjoni fil-kuntest tar-rikonċiljazzjoni tal-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali meta jinqatlu u tirrispetta l-libertà li wieħed jimmanifesta r-reliġjon tiegħu. Issa, intlaħaq kunsens xjentifiku li l-isturdament minn qabel huwa l-aħjar mod biex titnaqqas it-tbatija tal-annimal meta jinqatel. Fit-tielet lok, fir-rigward tal-proporzjonalità ta' dan l-indħil, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva, l-ewwel nett, li l-leġiżlatur Fjamming ibbaża ruħu fuq riċerka xjentifika u li kellu l-intenzjoni li jiffavorixxi l-metodu ta' qtil awtorizzat l-iktar modern. Sussegwentement hija tinnota li dan il-leġiżlatur segwa kuntest soċjali u normattiv li qed jinbidel, li huwa kkaratterizzat minn għarfien dejjem jikber tal-kwistjoni tal-benesseri tal-annimali. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tinnota li d-digriet la jipprojbixxi u lanqas ifixkel it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li nqatlu b'mod ritwali meta dawn il-prodotti joriġinaw minn Stat Membru ieħor jew minn Stat terz.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li r-Regolament Nru 1099/2009, moqri fid-dawl tal-Artikolu 13 TFUE u l-Artikolu 10(1) tal-Karta, ma jipprekludix il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi, fil-kuntest tal-qatla ritwali, proċess ta' sturdament reversibbli li ma jkunx jista' jwassal għall-mewt tal-annimal.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-validità tar-Regolament Nru 1099/2009 fir-rigward tal-prinċipji ta' ugwaljanza, nondiskriminazzjoni u diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika, kif iggarantiti mill-Karta. Tabilħaqq, il-fatt li r-Regolament Nru 1099/2009 jawtorizza lill-Istati Membri jieħdu miżuri bħall-isturdament obbligatorju fil-kuntest ta' qatla ritwali, iżda ma fih ebda dispożizzjoni simili għall-qtil ta' annimali waqt attivitajiet ta' kaċċa u sajd jew waqt avvenimenti kulturali jew sportivi, ma jmurx kontra dawn il-prinċipji.

F'dan ir-rigward, hija tispeċifika li avvenimenti kulturali u sportivi jirriżultaw, l-iktar, fi produzzjoni marġinali tal-laħam li mhix ekonomikament sinjifikattiva. Konsegwentement, avveniment bħal dan ma jistax raġonevolment jinftiehem bħala attività ta' produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel, li tiġġustifika li jiġi ttrattat b'mod differenti meta mqabbel ma' operazzjoni ta' tbiċċir. Il-Qorti tal-Ġustizzja waslet

għall-istess konklużjoni fir-rigward tal-kaċċa u attivitajiet tas-sajd rikreattiv. Fil-fatt, dawn l-attivitajiet iseħħu f'kuntest fejn il-kundizzjonijiet tal-qtil huma differenti ħafna minn dawk tal-annimali tar-razzett.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*